MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 320/2006

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Ottubru, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti kienu żżewġu nhar it-8 ta' Mejju, 1971 skond kif jirriżulta mill-anness ċertifikat hawn mehmuż immarkat Dok. A;

2. U illi minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifla waħda llum maġġorenni li jisimha X u għandha tletin sena;

3. U illi l-kontendenti jinsabu legalment separati minn xulxin *ai termini* tal-Kuntratt Pubbliku atti Nutar Dottor Francis Micallef datat 2 ta’ Mejju tas-sena 1994;

4. Illi l-kontendenti kienu ilhom jafu lil xulxin madwar sentejn biss qabel ma ngħaqdu fiż-żwieġ u kienu tgħarrsu ċirka sena qabel it-tieġ;

5. Illi l-konvenuta hija tifla unika u sa minn qabel iż-żwieġ l-attur kien innota li hija kellha rabta stretta mal-ġenituri tagħha partikolarment ma’ ommha, pero’ kien għadu ma rrealizzax li tali rabta kienet daqstant iffissata li b’xi mod setgħet taffettwa r-relazzjoni ta’ bejniethom;

6. Illi fil-fatt l-esponent beda jinnota li tali rabta kienet sejra tkun soffokanti għar-relazzjoni ta’ bejniethom ftit wara li kienu nagħqdu fiż-żwieġ, u dana minħabba ċerti atteġġjameni, ċirkostanzi u avvenimenti li bdew jissuċċedu wara ċ-ċelebrazzjoni ta’ l-għaqda tagħhom;

7. Illi martu ma riedet b’xejn issiefer fuq *honeymoon* wara t-tieġ, u dana peress li b’ebda mod ma seta’ jikkonvinċiha tallontana ruħha mqar għal ġimgħa jew tnejn minn mal-ġenituri tagħha;

8. Illi fil-fatt meta siefru xi sena wara, l-ġenituri tagħha saħansitra akkumpanjawhom fuq il-vjaġġ u l-attur kien qisu bil-kustodja miegħu u qatt ma ħass li seta’ jaġixxi u jitkellem fil-liberta` ma’ martu – dejjem kien isib lill-ġenituri tagħha fin-nofs;

9. Illi mill-bidu nett taż-żwieġ omm il-konvenuta kienet tmur id-dar tagħhom ta’ kuljum u kienet tqatta’ minn filgħodu sa filgħaxija hemmhekk – anzi ta’ spiss kienet torqod id-dar tagħhom ukoll;

10. Illi meta l-attur kien jipprova jiġbed l-attenzjoni ta’ martu li ma kienx qed iħossu komdu ġewwa daru b’din l-abitudni tal-ġenituri tagħha u li ftit li xejn kien qed ikollhom privatezza sa l-ewwel jum taż-żwieġ tagħhom, hija ma kinitx tagħti każu u kienet tgħidlu li dawk huma l-

ġenituri tagħha, - sabiex ma jindaħalx – li hija kellha tafulhom għal dak kollu li għamlu magħha;

11. Illi l-attur kien jiddejjaq ukoll il-għaliex ta' sikwit kien isib indħil fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u nnota li martu ftit li xejn kellha opinjoni għaliha għax kienet tagħmel u toqgħod fuq dak kollu li tgħidilha ommha tant li għal kull ħaġa ta' xejn kienet tirreferi kollox lejha;

12. U illi diskussjonijiet bejn il-konjuġi A u B bħala koppja miżżewġa qatt ma kien hemm – pjuttost martu kienet dejjem tinformah fuq il-pjanijiet tagħha skond ma kif tkun iddeċidiet ma' omma, togħġbu jew ma togħġbux;

13. U illi b'tali atteġġjament u komportament l-attur kien iħossu qisu priġunier ġewwa daru stess u għalkemm dan is-sentiment ittaffa xi ftit bit-twelid tat-tifla tiegħu, l-affarijiet reġgħu bdew imorru mill-ħażin għall-agħar meta t-tifla bdiet titfarfar b'eta' u kellha dawk il-ħames snin;

14. U illi l-kontendenti konjuġi A u B rari ħarġu ma' xulxin waħedhom bħala koppja *stante* li kull meta kienu joħorġu s-Sibt u/jew il-Ħadd, dejjem kien ikun hemm preżenti l-ġenituri ta' martu magħhom – l-attur qatt ma kellu mument kwiet mingħajrhom;

15. U illi min-naħa l-oħra l-konvenuta mhux talli ma kinitx iżżur il-familja ta' żewġha iżda lanqas biss kienet tħalli lill-istess żewġha jmur jara lil ommu, imqar darba fil-ġimgħa – illi meta kien jagħmel ta' rasu u jmur xorta waħda jżur lil ommu kien jispiċċa dejjem b'ħafna argumenti ma' martu hekk kif jirritorna – kien jiġi affaċċjat b'ħafna tgergir u insulti kontra ommu u ħutu. Wasal żmien li anke lit-tifla tagħhom stess il-konvenuta ma kinitx tħalliha tmur tara lil omm u lil ħut l-attur;

16. Illi meta dina l-firda sentimentali ta' bejniethom kienet kibret sew, (sentiment li llum l-attur huwa konxju li qatt ma eżista bis-serjeta') martu kienet tallontana ruħha mill-kamra tas-sodda tagħhom u għamlet snin sħaħ torqod mat-tifla tagħhom sakemm isseparaw legalment;

17. U illi l-attur dam snin u snin sħaħ jissaporti din it-tip ta’ ħajja ta’ martu u mal-familjari tagħha u jirraġuna li kien dam daqshekk żmien biex jagħmel il-pass għal separazzjoni għas-sempliċi raġuni li xtaq irabbi lil bintu taħt għaqda ta’ familja għalkemm dik l-għaqda kienet finta u għall-ebda raġuni oħra. Di fatti meta sseparaw fis-sena 1994 it-tifla tagħna kienet *gia’* maġġorenni u kienet bdiet taħseb għal rasha.

18. Illi għalhekk l-attur jikkontendi li martu qatt ma kienet tajba għaż-żwieġ – qatt ma messha daħlet għal dan il-pass u dana peress li hija riedet tibqa’ bint il-ġenituri tagħha u mhux il-mara ta’ xi ħadd. Qatt ma riedet tissagrifika l-ħajja tagħha bħala bint iż-żewġ persuni li ġabuha fid-dinja għal ħajja fejn sejra ssir mart xi ħadd.

19. U illi għalhekk il-kunsens taż-żewġ partijiet jew min minnhom fil-mument taż-żwieġ kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b’anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u dana *ai termini* ta’ l-Artiklu 19 (1) (d) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta;

20. Illi *inoltre* l-kunsens taż-żewġ kontendenti jew min minnhom kien fil-mument taż-żwieġ ivvizzjat *stante* li nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ u dana *ai termini* ta’ l-Artiklu 19 (1) (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta;

21. U illi *inoltre* l-istess kunsens tal-kontendenti jew min minnhom kien ivvizzjat *stante* li fil-mument taż-żwieġ ma kellhomx setgħat intelletwali jew ta’ rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ u dana *ai termini* ta’ l-Artiklu 19 (1) (h) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta;

22. U illi għalhekk iż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-8 ta' Mejju tas-sena 1971 huwa null u bla ebda effett fil-liġi.

Għaldaqstant l-attur qiegħed jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti għandha għar-raġunijiet premessi jew uħud minnhom:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ ikkontrattat mill-kontendenti fit-8 ta' Mejju, 1971 huwa null u bla ebda effett legali u tagħti dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa li jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa qed tiġi nġunta personalment biex tidher għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fid-29 ta' Marzu, 2007, li permezz tagħha esponiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* fl-ewwel lok li huma msejsa fuq premessi skorretti u wkoll fit-tieni lok ma jikkonkorrux l-elementi neċessarji mil-liġi sabiex iż-żwieġ ikkontrattat mill-kontendenti jiġi ddikjarat null u bla ebda effett legali, u dan kif ser jirriżulta aħjar mill-provi u trattazzjoni tal-kawża.

2. Salv kull risposta ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur u b'riserva minn issa għal kull azzjoni spettanti lill-konvenuta kontra l-attur.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attur u tal-konvenuta.

Rat l-affidavits ta' X A u B, u ta' ohrajn.

Rat il-proċess tal-kawża fl-istess ismijiet li kienet ġiet ikkanċellata fl-14 ta' Ottubru, 2003.

Semgħet ix-xhieda u l-partijiet in kontro-eżami.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ġunju. 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1971 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) (d), (f) u (h) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta qed topponi għat-talba.

Naturalment kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Is-sub-inċiżi ta' l-Artiklu 19 (1) ċitati mill-attur jirrigwardaw:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

19 (1) (h) – li l-kunsens vizzjat minħabba nuqqas ta’ setgħet intelletwali.

Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta’ Jannar, 2006):

“*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe’ li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b’anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta’ min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi ppruvat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta’ l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b’att pożittiv tal-volonta’ ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita’ ta’ żwieġ bażata fuq il-kawżali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita’ ta’ żwieġ minħabba nuqqas ta’ esklużjoni ta’ ġudizzju. L-inkompatibbilta’ bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju*

*timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali.* "

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Il-Qorti tħoss li l-parti l-kbira tal-provi huma dwar x'ġara wara ż-żwieġ u naturalment dan ma jinċidix dwar l-annullabbilta' *o meno* taż-żwieġ. Il-Qorti għalhekk ma jidhrilhiex li ġew prodotti provi li jwassluha biex tilqa' t-talba attriċi. Apparti l-fatt li dan iż-żwieġ, billi ġie ċċelebrat qabel l-1975, u allura qabel ġiet promulgata l-liġi li tirregola ż-żwieġ, huwa regolat mil-liġi kanonika dak iż-żmien viġenti u mhux mill-istess Kapitlu 255. Anke skond din il-liġi li hija aktar liberali mil-liġi kanonika fejn jirrigwarda annullament, ma hemm ebda kawżali li ġiet sodisfatta mill-provi li l-Qorti kellha quddiemha, anke fl-isfond tas-sentenzi li ġew ċitati u oħrajn. Iż-żwieġ bejn il-

partijiet kien wieħed *normali* u l-problemi li nqalgħu matul iż-żmien u li wasslu lill-partijiet biex jisseparaw ma kinux dovuti għal xi raġuni li tagħti lok għall-annullament, iżda għal disgwid li sfortunatament jinqala’ fiż-żwieġ li fil-każ in eżami kien tant gravi li wassal għas-separazzjoni tal-konjuġi. L-allegazzjonijiet l-iktar serji da parti ta’ l-attur kienu fis-sens li l-konvenuta kienet persuna differenti meta kienu għarajjes; li kellha relazzjoni ma’ raġel ieħor ferm wara li ġie ċelebrat iż-żwieġ; li kellha relazzjoni ma’ mara oħra wkoll matul iż-żwieġ u li l-konvenuta tbati minn instabbilta’ mentali. Il-Qorti ma tħossx li dawn l-allegazzjonijiet ġew suffiċjentement sorretti mill-provi, u fir-rigward tar-relazzjoni ma’ raġel ieħor ma hijiex kawżali li tagħti lok għall-annullament. L-allegazzjonijiet l-oħra, kif *gia’* ingħad, ma ġewx konfortati minn provi suffiċjenti, u l-Qorti kull ma għandha hija l-allegazzjoni ta’ l-attur. Il-Qorti, kif *gia’* ingħad, ukoll semgħet lill-partijiet u jidhrilha li filwaqt li l-konvenuta tidher li għaddiet minn trawma sfortunatament komuni ħafna għal min kellu żwieġ fallut, żgur li ma hemm ebda indikazzjoni *oltre* dan li tista’ twassal lill-Qorti biex tiddeċiedi li ż-żwieġ għandu jkun iddikjarat null minħabba xi instabbilta’ mentali.

Huwa naturali għall-attur li issa jgħid li għamel żball meta żżewweġ lill-konvenuta, kif ċertament għamlet l-istess konvenuta, iżda dan mhux biżżejjed biex iż-żwieġ jiġi ddikjarat null. Il-Qorti apparti l-affidavits, kellha l-opportunita’ li tisma’ l-partijiet in kontro-eżami u hija altru milli konvinta mill-fatt li filwaqt li huwa minnu li l-għażla tal-partijiet ma rriżultatx feliċi, legalment ma hemm ebda raġuni għaliex t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tiċħad it-talba attriċi. L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------